21 ta' Ottubru, 1946.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Joseph Scerri

**Lokazzjoni — Sullokazzjoni — Kerrejja — "Sid" — Art. 2 u 97 (3) tal-Liġijiet tal-Pulizija.**

*Is-sid ta' kull kerrejja għandu d-dmir li jżomm dejjem dik id-dar, u kull parti minnha, f'kondizzjoni iġjenika tajba.*

*"Kerrejja" tfisser, għall-finijiet tal-Liġijiet tal-Pulizija, dar fejn joqogħdu iżjed minn żewġ familji.*

*Il-kelma "sid" tikkomprendi anki lil min ikun ħa dar b'kiri minn għand il-proprjetarju, imma jassumi l-kwalità ta' sid billi jissubaffittaha lil diversi familji li jkunu jafu lilu biss u ma jkollhomx rapporti lokatizji mal-proprjetarju, u li ma jikkonoxxu bl-ebda mod, għal dawk ir-rapporti, lis-sid fis-sens propriju u strett tal-kelma. Inkwilin simili, li jsir hekk sullokatur, huwa għaldaqstant kolpit minn dak l-obligu li jżomm dik id-dar, u kull parti tagħha, f'kondizzjoni iġjenika tajba.*

Scerri ġie mressaq quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta, sabiex jirrispondi għall-imputazzjoni illi fit-28 ta' Awissu 1946, il-Belt, f'St. Paul's Street nru. 316 (Kerrejja), żamm l-art tal-partijiet komuni maħmuġa. B'sentenza tagħha tat-18 ta' Settembru 1946 dik il-Qorti sabitu ħati, u kkundannatu għall-piena tar-riprensjoni u ta' l-ammonizzjoni, u ġie lilu mogħti ż-żmien ta' sitt ijiem biex juniforma ruħu mal-liġi taħt penali ta' 2s. 6d. kuljum għal kull ġurnata ta' ritard ;

Trattat l-appell miegħu kontra din is-sentenza, din il-Qorti kkunsidrat ;

Mill-provi deher illi dan il-post, li qiegħed għand l-appellant b'kera, qiegħed jiġi minnu subaffittat lil diversi nies oħra. b'mod li fil-post qegħdin joqogħdu seba' familji, inkluża dik ta' l-appellant. Dawn is-subinkwilini jħallsu l-kera lill-appellant u jafu lilu biss ;

Deher ukoll mill-provi illi l-partijiet li huma in komun, ta' dan il-post, jinsabu fi stat ħażin........ L-appellant, interrogat mill-Ispettur Sanitarju, spjega r-raġuni ta' dan l-istat billi qal li l-oħrajn, jiġifieri s-subinkwilini l-oħra, ma jridux jikkooperaw :

L-imputazzjoni ngiebet taht l-art. 97 (3) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Kap. 13, li jgħid illi hu dmir tas-"sid" ta' kull "kerrejja" li jżomm dejjem din id-dar u kull parti tagħha f'kondizzjoni iġjenika tajba;

Ma hemmx dubju illi din id-dar taqa' taht il-kelma "Kerrejja" skond it-tifsir li ta' din il-kelma jingħata fl-art. 2 tal-Kodiċi fuq imsemmi, jiġifieri dar fejn joqgħodu iżjed minn żewġ familji. Gie pruvat illi l-loki komodu u s-servizz ta' l-ilma hu komuni;

Lanqas jista' jiġi dubitat illi l-appellant jaqa' taht il-kelma "sid", kif definita mil-liġi fl-istess artikolu, in kwantu li din il-kelma tikkomprendi anki lil dak li jkun ha l-kwalità ta' sid, kif preċiżament għamel l-appellant li qiegħed jissubaffitta l-post lil nies li jafu lilu biss għal dawk li huma rapporti lokatizji, bla ma jikkonoxxu bl-ebda mod, għal dawn ir-rapporti, lis-sid fis-sens propriu u strett tal-kelma;

Biex id-definizzjoni estensiva tal-liġi ma tiġix applikata hemm bżonn (ara l-ewwel kliem ta' l-art. 2) jew li fil-materja, jew fil-kontest tad-dispożizzjoni partikulari, ikun hemm xi haġa inkompatibili mad-definizzjoni, jew illi, fid-dispożizzjoni li tkun, jingħad espressament xort'oħra;

Issa, fl-art. 97 hu ċert li ma hemm xejn espress li huwa kuntrarju għad-definizzjoni. Fil-materja ma hemm xejn inkompatibili, għaliex anzi kien ikun faċli "in subjecta materia" li tiġi eluża l-liġi, kieku s-sullokatur, f'ċirkustanzi simili, ma jiġix milqut. Fil-kontest, mhux talli ma hemm xejn kontra, imma anzi hemm xi haġa li ssaħħaħ l-applikazzjoni tad-definizzjoni, in kwantu li fl-art. 97 hemm il-kliem (subart. 1) "ihalli li jsir użu għall-abitazzjoni" — liema kliem aktar tard (art. 100) huma definiti bħala applikabili għal kull min ikun ta lil hadd iehor it-tgawdija ta' kamra jew appartament; dak li appuntu għamel l-appellant;

Għaliekk, la xejn ma hemm inkompatibili fil-materja jew kontest tad-dispożizzjoni, u xejn ma jingħad espressament in kuntrarju, għandha tapplika d-definizzjoni komprensiva tal-liġi;

Il-fatt li f'xi artikoli oħra (id-difensur iċċita l-art. 121, 110 u 111) il-liġi wżat lokuzzjoni dupliċi ma jistax ibiddel din il-konklużjoni; għaliex ma jġibx illi fil-materja jew il-kontest ta' l-art. 97 hemm xi haġa inkompatibili mad-definizzjoni,

u ma jġibx lanqas li f'dak l-artikolu hemm xi ħaġa espressament kuntrarja, u dawn huma l-uniċi "tests" kontra l-applikabilità tad-definizzjoni. Dik il-lokuzzjoni dupliċi tista' tkun dovuta għal raġunijiet oħra, li ma hemmx bżonn li jiġu indagati f'din il-kawża;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. It-terminu jibda jgħaddi millum.